# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Marzu, 2017.**

**Rikors Numru 645/2016 SM**

**Dr. Stephen Muscat (I.D. 420772 M)**
**bhala mandatarju specjali ghan-nom**
**u in rapprezentanza tas-socjeta` estera**
**Skandinaviska Enskilda Banken AB**

**vs.**

**Per Anders Daniel Renner**
**(Nru. tal-I.D. Svediz 790912 – 1670)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 t'Awwissu, 2016, li permezz tieghu l-istess rikorrenti nomine sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi l-procedura odjerna hi introdotta *ai termini* tar-Regolamenti (EU) No. 1215/2012 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mahruga fit-12 ta' Dicembru, 2012, u effettivi mill-15 ta' Jannar, 2015;

1.2. Illi r-rikorrenti *nomine* nghata prokura specjali biex jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera *de quo*, (ara foll 8);

1.3. Illi b'sentenza tal-i*Swedish Enforcement Authority* fl-ismijiet Skandinaviska Enskilda Banken vs. Per Anders Daniel Renner, (ara foll 12), l-intimat kien dikjarat debitur tas-socjeta` hawn rapprezentata mir-rikorrenti *nomine* u ikkundannat ihallasha 26,223 Kroner Svediz ekwivalenti ghal €2,764.62 u €75.91, oltre imghaxijiet mit-22 ta' Dicembru, 2011, flimkien ukoll mal-ispejjez gudizzjarji ammontanti ghal €325.77 u imghaxijiet relattivi sal-14 ta' Dicembru, 2015, ammontanti ghal €799.66 u imghaxijiet ulterjuri;

1.4. Illi l-istess sentenza hi ezigwibbli l-Isvezja;

1.5. Illi r-rikorrenti nomine ghandu interess li l-istess sentenza tigi ezegwita f'Malta *stante* li l-intimat hu residenti Malta;

1.6. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex din:

1.6.1. Tiddikjara ezegwibbli s-sentenza fuq indikata biex ir-rikorrenti *nomine* jkun jista' jezigi l-hlas komplessiv ta' tliet elef mija u sitta u sittin euro u erbghin centezmu, (€3,166.40) bl-imghaxijiet mid-dati fuq indikati sal-pagament effettiv, flimkien mal-ispejjez gudizzjarji hemm involuti;

1.6.2. Bl-ispejjez tal-procedura odjerna kontra l-intimat;

2. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

3. Tiddikjara li l-intimat gie debitament notifikat permezz tal-publikazzjoni, (ara foll 33);

4. Illi l-intimat baqa’ fi stat ta’ kontumacja;

Ikkunsidrat:

5. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi;

6.0. Illi in vista tal-istess:

**DECIDE:**

6.1. Tiddikjara ezegwibbli s-sentenza in dizamina fuq gia` riferita;

6.2. Tawtorizza l-esekuzzjoni tas-sentenza *de quo* li permezz taghha r-rikorrenti *nomine* jista’ jezigi l-ammont ta’ tliet elef mija u sitta u sittin euro u erbghin centezmu, (€3,166.40), bl-imghaxijiet u bl-ispejjez gudizzjarji kif minnhu mitluba;

8.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-istess intimat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**